MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 80/2008

Bank of Valletta plc.

vs

George Azzopardi,
Marita Azzopardi,
John Azzopardi.

Il-Qorti,
Rat ir-rikors ġuramentat illi permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi wara li ppremettiet illi;

1. Illi l-bank attur kien ta' diversi somom ta' flus b'self lill-konvenuti.

2. Illi l-konvenuti naqsu milli jħallsu dan is-self u fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Awissu ta' l-elf disa' mija sebgħa u disgħin (1997) permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Dr. Kristen Dimech irrikonoxxew dan id-dejn fis-somma ta' tnejn u tletin elf, ħames mija u tlieta u ħamsin liri Maltin u tlieta u għoxrin ċenteżmu (Lm23,553.23c) liema dejn ġie

sanċit permezz ta' ipoteka fuq proprjeta' mmobbli proprjeta' tal-konvenuti Azzopardi.

3. Illi dan id-dejn illum ilaħħaq iċ-ċifri segwenti:-

- Loan Account numru 32416699015:- sitt mija u sittax-il ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmuj (€616,21c) u interessi ta' ħmistax-il ewro u seba' ċenteżmi (€15,07c).

- Loan Account number 32416699028:- erbat elef sitt mija u tmienja u ħamsin ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€4,658.98c) flimkien ma' tmintax-il ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu interessi (€18.49c).

- Overdraft Account numru 12416699048 għal debitu ta' erbgħa u tletin elf sitt mija u ħmistax-il ewro u ħamsa w erbgħin ċenteżmu (€34,316.45c) flimkien ma' interessi fl-ammont ta' tmien mija u wieħed u ħamsin ewro u għoxrin ċenteżmu (€851.20c).

Dan għal total ta' debitu favur il-bank attur fis-somma ta' erbgħin elf seba' mija u ħamsa u sebgħin ewro u erbgħin ċenteżmu (€40,775.40c).

3. Illi minkejja diversi wegħdi ta' pagament il-konvenuti dejjem baqgħu inadempjenti.

4. Illi l-banki attur jidhirlu illi dan id-dejn huwa wieħed ċert likwidu u dovut u l-konvenuti m'għandhom l-ebda eċċezzjoni x'jagħtu kontra din it-talba u għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti tista' tipproċedi għas-sentenza bid-dispensa tas-smiegħ ai termini ta' l-artiklu 167 tal-Kodiċi ta' l-organizazzjoni jew proċedura ċivili (Kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta).

5. illi dan ir-rikors u l-kontenut tiegħu qed jiġu kkonfermati bil-ġurament minn James Pace rappreżentant tal-Bank attur li għandu konoxxenza proprja tal-fatti li taw lok għal din il-kawża.

Talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex ma għandhiex din il-Qorti:

1) Tgħaddi għas-sentenza bid-dispensa tas-smiegħ stante illi d-dejn huwa wieħed ċert likwidu u dovut u l-konvenuti m'għandhom l-ebda eċċezzjonijiet x'jagħtu kontra din it-talba.
2) Tiddikjara illi intom konvenuti tinsabu debituri fil-konfront tal-bank attur fis-somma ta' erbgħin elf seba' mija u ħamsa u sebgħin ewro u erbgħin ċenteżmu (€40,775.40c) flimkien ma' interessi ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

3) Tikkundanna lilkom konvenuti sabiex tħallsu din is-somma ta' erbgħin elf seba' mija u ħamsa u sebgħin ewro u erbgħin ċenteżmu (E40,775.40c) flimkien ma' l-interessi kollha fuq rata kummerċjali sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kollha inklużi dawk ta' l-ittra uffiċċjali tad-disgħa ta' Ġunju, elf disa' mija sebgħa u disgħin (1997) u tal-ittra uffiċjali ta' Ġunju, elfejn u sebgħa (2007). Bl-inġunzjoni tal-konvenuti minn issa għas-subizzjoni.

Rat ukoll ir-riferta pożittiva tal-konvenut Gorg Azzopardi, illi ġġib id-data tad-dsatax (19) ta' Awissu, 2008.

Rat in-nota ta' l-istess konvenuti li ġġib id-data tad-disgħa (9) ta' Ottubru, 2008, li fiha ammettew it-talbiet tar-rikorrenti, u dana qabel ma din il-kawża bdiet tinstemgħa.

Il-Qorti għal hekk, u in vista ta' din l-ammissjoni, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi, tiddikjara lill-konvenuti debituri fil-konfront tal-bank attur fis-somma ta' erbgħin elf seba' mija ħamsa u sebgħin ewro u erbgħin ċenteżmu (€40,775.40c) flimkien ma' l-interess ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv, tikkundanna għal hekk lill-istess konvenuti sabiex in solidum bejniethom iħallsu din is-somma flimkien ma' l-interessi kollha bir-rata kummerċjali sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta’ l-ittra uffiċċjali tad-disgħa (9) ta’ Ġunju, elf disa’ mija sebgħa u disgħin (1997), u tal-ittra uffiċċjali ta’ ġunju elfejn u sebgħa (2007), kontra l-istess konvenuti in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------